# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 57

Data tal-laqgħa: 25 ta' Settembru, 2018

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta,* 25 ta' Settembru *2018 fis-6.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi |
| Assenti b'Apoloġiji | Christopher Fenech |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Victoire Muscat (Skużata) |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-6.10p.m. billi ntqalet it-talba.

**57/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**57/01/01** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Christopher Fenech talab li jiġi skużat. Is-Sur Aquilina ippropona li l-Kunsill jilqa' din l-apoloġija. Il-Kunsill qabel unanimament.

**57/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 56**

**57/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**57/02/02** **Para 56/02/03:** Il-Kunsill qabel li l-*Bus Stop* ta' Triq Stiefnu Żerafa għandu jmur lura fil-post oriġinali tiegħu biex ma noħolqux preċedent. Barra minn hekk, spjega li Transport Malta ma laqatx it-talba tagħna sabiex dan il-*Bus Stop* jersaq lejn il-kamra tal-ħaddiema. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil li niktbu lil Transport Malta biex immedjatament jinqala' dak li hemm bħalissa peress li kien sar fuq bazi temporanja.

**57/02/03** **Para 56/02/05:** Fuq l-attività kommemorattiva sabiex jiġi mfakkar is-Superjur tal-M.U.S.E.U.M. is-Sur Guido Tanti u biex issir ir-rħama ġewwa l-M.U.S.E.U.M, is-Sindku qal li għadna qed nistennew risposta.

**57/02/04** **Para 56/02/06:** Is-Sindku spjega li diġà tpoġġew uħud mill-bins ġodda fit-Triq Għaxqet l-Għajn.

**57/02/05** **Para 56/02/08:** Il-proġett ta' *traffic lights* għadu għaddej, is-Sindku spjega li saru żewġ bozoz ġodda fi Triq il-Ġnien ħdejn il-Palazz tal-Kmand u li issa kemm jitqabdu mill-ENEMALTA.

**57/02/06** **Para 56/02/09:** Is-Sindku qal li ġew ordnati CCTV cameras HD għal Ġnien il-Paċi.

**57/02/07** **Para 56/02/10:** Is-Sur Aquilina spjega li minn Settembru, Malta Textile Recycling bdiet tiġbor ħwejjeġ għar-riċiklaġġ darba fix-xahar direttament mid-djar tar-residenti u li dan is-servizz intlaqa' tajjeb ħafna mir-residenti.

**57/02/08** **Para 56/02/11:** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech biex jinbidlu 2 tabelli [*roundabout approaching* u *giveaway*] fi Triq il-Kbira u tabella [35KM] fi Triq Caravaggio, dawn saru.

**57/02/09** **Para 56/02/12:** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech biex isir saqaf ġdid għal gazebo li tinsab fi Ġnien il-Paċi, għadna qed nistennew iktar stimi.

**57/02/10** **Para 56/02/14:** Is-Sindku qal li l-Kunsill għamel kuntatt ma' Sur Sebio Aquilina (Audiovisual Production) rigward ir-ritratti li ħa jintużaw għal *information panel* li ħa ssir f'Misraħ il-Knisja.

**57/02/11** **Para 56/02/15:** Is-Sur Aquilina spjega li l-bankina fi Triq San Ġwann li ħa ssir minn Road Servicing Ltd għadha pendenti. Is-Sur Mario Gauci s-suġġerixxa li jekk Road Servicing Ltd mhux ser jaqdina malajr kemm jista' jkun, inqabdu kuntrattur ieħor. Kien hemm qbil unanimu.

**57/02/12** **Para 56/03/02:** Is-Sur Christopher Fenech kien talab li nixtru erbgħa sandwich boards biex jitpoġġew fit-toroq waqt l-attivitajiet. Is-Sindku qal li nxtraw u li ntużaw waqt il-festa.

**57/02/13** **Para 56/03/03:** Is-Sur Christopher Fenech kien ressaq suġġeriment sabiex isiru żewġ bollards fuq il-bankina quddiem ir-residenza ta' ma ġenb il-Convenience Shop. Il-Kunsill qabel li minflok żewġ bollards issir u-bar jekk jaqblu r-residenti. Il-Kunsill għamel kuntatt mar-residenti iżda dawn ma xtaqux li l-u-bar tkun *fixed*. Ġie deċiż li jew ir-residenti jaċċettaw li ssir u-bar li tkun *fixed* jew jibqa' kollox kif inhu.

**57/02/14** **Para 56/03/06:** Is-Sur Carl Grech kien talab li tiġi rranġata kaxxa tal-parkeġġ fi Triq Fra D. Mifsud, din saret.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**57/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**57/03/01** Is-Sur Aquilina spjega li dalwaqt ser tinħareġ offerta ġdida għal ġbir ta' skart imħallat u skart organiku. Hu qal li importanti li *truck* ikun żgħir minħabba li t-toroq dojoq; li s-servizz jibda fi 8:00am u li truck ikun Euro VI. Barra minn hekk, is-Sur Mario Gauci talab li l-Kunsill jitlob direzzjoni ċara mingħand il-Wasteserv fuq fiex jista' jitpoġġa l-kartun u l-skart organiku meta jinħareġ barra biex jinġabar. Kien hemm qbil unanimu.

**57/03/02** Is-Sindku qal li aktarx din is-sena l-Għaqda Dwal Ġodda mhix ser torganizza *Halloween Party* ġewwa s-Searchlight Battery minħabba raġunijiet ta' sigurtà.

**57/03/03** Is-Sur Aquilina spjega li ħa jsir *Halloween Party* għat-tfal fi Ġnien il-Paċi nhar il-31 ta' Ottubru mill-5:00pm 'il quddiem. Id-dħul huwa b'xejn u l-flus li ser jinġabru ħa jmorru għal karità. Dan il-party huwa organizzat mis-Sinjura Claire Camilleri u mhux mill-Kunsill.

**57/03/04** Is-Sindku qal li hemm resident li jixtieq joffri ċ-ċekk li rċieva mingħand il-Gvern tar-rifużjoni tat-taxxa lill-Kunsill. Ġie deċiż li l-Kunsill ma jistax jilqa' dan iċ-ċekk iżda jekk jixtieq dan ir-resident jista' jagħtina voucher għal bowser ilma jew xi siġar.

**57/03/05** Is-Sur Aquilina qal li resident li joqgħod fi Triq Karmnu Zarb qed jissuġġerixxi li l-kaxex tal-parkeġġ jinżlu ftit l-isfel. Kien hemm qbil unanimu li l-kaxex tal-parkeġġ jibdew eżatt wara l-5 metri mill-kantuniera.

**57/03/06** Is-Sindku spjega li l-Kunsill irċieva diversi lmenti minn residenti li joqgħodu fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu peress li meta jieqfu l-karozzi tal-linja fil-Bus Bays ix-xuffiera qed iħallu l-magna mixgħula u din tagħmel ħafna storbju. Is-Sur Mark Azzopardi qal li n-nies iridu jifhmu li waqfa ta' Triq San Bartilmew hija Bus Stop u li bħala Kunsill ħsiebna li dak huwa l-post ideali fejn isiru l-Bus Bays. Is-Sindku qal li x-xuffiera għandhom direttiva biex ma jitfux il-karozzi tal-linja. Il-Kunsill qabel li niktbu lil Transport Malta sabiex meta l-karozzi tal-linja jaslu fil-Bus Bays jitfu l-magna jew jiġu fil-ħin u jibqgħu għaddejjin. Kulħadd qabel li kienet deċizjoni tajba fl-interess komuni.

**57/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**57/04/01** Ma kienx hemm.

**57/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**57/05/01** Il-Kunsill irċieva stima mingħand is-Sur Charlie Muscat ta' xogħol ta' qtugħ, ġarr u kif ukoll ħruġ ta' ħafna pal tal-bajtar tax-xewk mit-trejqa (€750). Ġie deċiż li nipprovaw insibu min hu sid l-għalqa.

**57/05/02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority.*

**57/05/03** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority.*

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**57/05/04** Il-Kunsill irċieva stima mingħand il-Muzzan għal *fence* u *welding* fi Triq Għaxqet l-Għajn (€200). Din l-istima ġiet approvata.

**57/05/05** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority.*

**57/05/06** Ġiet innutata korrispondenza minn resident dwar siġra ħdejn dar jisimgħa "White House" li qeda tostakola l-bankina fi Triq San Ġwann. Kien hemm qbil li din is-siġra tinżabar mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**57/05/07** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Chris Vella (f'isem is-Sur Wiġi Micallef) fejn il-Planning Authority ordnatilhom jagħmlu bankina temporanja fejn bdew ix-xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq Dun Salvatore Zarb k/m Triq Żagħruna.

**57/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Anthony Agius Decelis - is-Segretarjat Parlamentari għal Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva qiegħed inniedi 'Premju Anzjanità Attiva 2018'. Il-Kunsill qabel li jinnomina lis-Sur Bartholomew Camilleri.

**57/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mill-ERA rigward Application Number: NP 00156/18; Approved documents: NP 00156/18/10B/10C; Location: Għaxqet l-Għajn, Għargħur; Proposal: Interventions on trees.

**57/05/10** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority.* Fuq PA/07186/18 [To sanction the construction of two class 6A stores and the use an open yard to store boats during the winter season] Carmel Micallef, Boat Yard, Triq Santa Katerina, Għargħur. Il-Kunsill qabel li niċċekkjaw jekk hux ODZ.

**57/05/11** Il-Kunsill irċieva stima mingħand is-Smart Light Systems (Quote: 191220) – Replace sign with reflective print, replace weather proof power supplies, in 2 different areas & call out charge of private contractor (€236). Din l-istima ġiet approvata.

**57/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava – Cir AKL 2018/107 – Ħlas ta' kontijiet tad-Dawl u Ilma fil-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ma qabilx li jibda servizz ta' ħlas ta' kontijiet tad-Dawl u Ilma fil-Kunsilli Lokali tal-Għargħur.

**57/05/13** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-*Planning Authority.*

**57/05/14** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Ray Abela – New Secretarial and Administrative training course aimed at Staff working at Local Councils.

**57/05/15** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur George Abdilla sabiex il-Kunsill jagħżel għaxar min-nies mill-Għargħur li jistgħu jagħtu kontribut fil-ktieb li ser joħroġ ir-Reġjun Tramuntana. Is-Sur Mark Azzopardi ħa jieħu ħsieb din il-lista.

**57/05/16** Ġiet innutata korrispondenza mill-Perit Antoinette Conti – Re: Request for the 'Shifting of Bus Stop' in Triq Stiefnu Zerafa.

**57/05/17** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Matthew Muscat mill-Wasteserv – Proposed new waste collection schedule (Għargħur). L-iskeda l-ġdida tal-ġbir tal-iskart ser tkun: It-

Tnejn [Skart Organiku u Skart Imħallat], it-Tlieta [Borża Griża], l-Erbgħa [Skart Organiku], il-Ħamis [Skart Imħallat], il-Ġimgħa [Skart Organiku u Borża Griża], is-Sibt [Skart Imħallat] u l-Ħadd [Ma jsirx ġbir]. Barra minn hekk, il-ħġieġ ser jinġabar kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar.

**57/05/18** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Johnston Farrugia – Enforcement Report: 3rd July (5am to 9am) no tickets; 6th July (5am to 9am) 1 ticket at Triq il-31 ta' Marzu; 10th July (5am to 9am) 1 ticket at Top of the world; 12th July (5am to 9am) 4 tickets at Top of the world and 17th August (6am to 10am) 2 tickets at Top of the world.

**57/05/19** Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn żewġ residenti – Complaint re Bus Terminus in 31st March Street.

**57/05/20** Ġiet innutata korrispondenza minn residenta – Triq Santa Katerina leading to Triq is-Sebħ.

**57/05/21** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinjura Rachel Powell – Bankina Triq San Bartolomew.

**57/05/22** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Thomas Debono, fejn Transport Malta bħalissa qegħda tieħu inizjattivi sabiex it-toroq kollha jkunu aċċessibli u li kemm jista' jkun toroq sekondarji jitħallew liberi minn kull inkonvenjent u qegħda taħdem fuq numru ta' toroq sekondarji sabiex dawn ikunu jistgħu jintużaw biex jiddevjaw it-traffiku. Waħda minn dawn it-toroq proposti (Triq John Adye) qegħda fil-limiti ta' bejn in-Naxxar u l-Għargħur u għaldaqstant qed jitolbu sabiex it-tabella li tindika li ma jistax isir dħul fil-bidu tat-triq Birguma titneħħa. Il-Kunsill ma jaqbilx ma din id-deċiżjoni għax jekk titneħħa jerġa' jkollna problema fl-immaniġjar tat-traffiku fil-lokalità. Barra minn hekk, Triq Birguma hija triq rurali u ma bnietx biex minnha jgħaddu ħafna karozzi. Ġie deċiż li tinħareġ stqarrija u li t-tabella ma titneħħiex.

**57/05/23** Fuq it-talba ta' resident biex ma jgħaddux karozzi mill-parti dejqa ta' Triq il-Ġdida u sabiex jitnaddaf il-*culvert* tal-istess triq. Kien hemm qbil li jsiru. Is-Sur Mark Azzopardi qal li l-*culverts* ta' Triq F. Zarb u ta' Triq il-Ġnien iridu jitnaddfu. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li fil-ġranet li ġejjin il-ħaddiema tagħna ħa jkunu qed inaddfu l-*culverts* kollha.

**57/05/24** Fuq it-talba ta' residenta biex isiru kaxex bojod u sofor tal-parkeġġ fi Triq Vendome. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax bihom il-parkeġġ ikompli jonqos.

**57/05/25** Rigward ilment li daħal minn tliet residenti li ma jridux li l-karozzi tal-linja jieqfu fil-*Bus Bay* ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu. Il-Kunsill qabel li niktbu lil Transport Malta sabiex il-karozzi tal-linja jibdew jiġu fil-ħin u jibqgħu għaddejjin.

**57/05/26** Fuq it-talba biex issir it-tiswija tal-fanali. Il-Kunsill innota li t-tiswija dejjem saret u li ser inkomplu ninvestu f'aktar fanali ġodda.

**57/05/27** Talba għal kaxxa bajda quddiem ir-residenza u garage 1-3 fi Triq Dun Karm Fenech. Kien hemm qbil li ssir *site visit* u filkas issir.

**57/05/28** Rigward it-talba ta' resident biex isir *double yellow line* fi Triq l-Oratorju n-naħa tal-Convenience Shop tul it-triq kollha. Il-Kunsill ma laqax din it-talba imma ġie deċiż li jsir *refreshing* ta' *single yellow line.*

**57/05/29** Fuq is-suġġeriment għal *junction box* quddiem il-Każin tal-Banda għal quddiem il-Knisja. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li hemmhekk hemm bżonn ta' iktar infurzar min-naħa tal-Pulizija jew Wardens u mhux *junction box.*

**57/05/30** Rigward it-talba ta' resident biex nagħmlu iktar bins ħdejn id-Duluri tal-Ġebla l-Kbira minħabba l-ammont ta' skart li jarmu. Il-Kunsill innota li diġà saru u li ħa nkomplu nżidu.

**57/05/31** Fuq it-talba ta' resident għal *double yellow line* quddiem Sqaq fi Triq San Ġwann (quddiem tal-funerali) għax ma jistax jidħol / joħroġ fl-istore li għandu f'dan l-isqaq peress li jkun hemm il-karozzi pparkjati. Kien hemm qbil li jsir.

**57/05/32** Talba biex jiġu rranġati t-toqob eżistenti li hemm fit-Triq San Bartilmew (dawn jintużaw fi żmien il-festa). Kien hemm qbil unanimu.

**57/05/33** Rigward it-talba ta' resident biex issir mera fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill innota li din it-talba kienet diġà ġiet diskussa qabel u kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jibqa' jżomm il-pożizzjoni tiegħu jiġifieri li ma jaqbilx li ssir mera hemmhekk.

**57/05/34** Talba biex jitneħħa *reserved parking* u tiġi kaxxa bajda ħdejn il-Każin tal-Futbol peress li r-resident li kien jagħmel użu minn dan ir-*reserved parking* miet. Kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment.

**57/05/35** Fuq it-talba ta' residenta biex isir *dog bin* fi Triq San Bartilmew faċċata tal-Każin tal-Futbol jew fi Triq San Ġwann fejn l-għalqa. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li diġà hawn numru ta' *dog bins* fil-qalba tar-raħal.

**57/05/36** Rigward it-talba ta' residenta biex issir *zebra crossing* fi Triq San Ġwann ħdejn Juniper Mews. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax ftit iktar 'il fuq diġà hemm waħda.

**57/05/37** Fuq it-talba ta' residenta biex il-*bin* li hemm ħdejn il-bankijiet qrib il-latrina jitpoġġa fuq ix-xaqliba l-oħra tal-stage. Il-Kunsill ma laqax din it-talba għax is-soluzzjoni hi l-*bin* jitbattal iktar ta' spiss.

**57/05/38** Rigward it-talba ta' resident biex isir *dog bin* ħdejn il-Ġnien tal-Ponta. Kien hemm qbil li jsir.

**57/05/39** Fuq it-talba ta' resident sabiex għadira li toqgħod ħdejn il-gallerija li hemm fi Triq Għaxqet l-Għajn jew timtela' bil-konkos jew jitħaffer kanal iktar 'il fuq biex l-ilma jibqa' sejjer fil-wied. Il-Kunsill qabel li hemm il-ħsieb li ser issir it-triq.

**57/05/40** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet suġġeriment li ta s-Sur Christopher Fenech biex issir *u-bar,* fejn il-bankina toħroġ ftit 'il barra fi Triq Stiefnu Zerafa. Kien hemm qbil li minflok *u-bar* jsiru 3 *flexible bollards*.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**57/05/41** Is-Segretarju Eżekuttiv resqet suġġeriment li ta s-Sur Fenech biex issir grada ġdida fi Ġnien il-Paċi biex it-tfal ma jaqgħux u jweġġgħu. Kien hemm qbil li nġibu stima mingħand il-Muzzan.

**57/05/42** Is-Sur Mario Gauci talab li ssir *rubber hump* fi Triq Għaxqet l-Għajn (min-naħa ta' Triq il-Ġnien). Il-Kunsill qabel unanimament.

**57/05/43** Is-Sur Mario Gauci talab li niktbu lil Transport Malta biex tinstab soluzzjoni biex minn joħroġ minn Triq Santa Katerina jkollu l-faċilità biex joħroġ għat-Triq tal-Balal. Kulħadd qabel li niktbu lil Transport Malta.

**57/05/44** Is-Sur Mark Azzopardi talab li bħala Kunsill għandna noħorġu stqarrija fejn ngħidu li l-Kunsill jinsab iddiżgustat bil-fatt li Triq il-Ġnien għadha magħluqa u li għalkemm ix-xogħol hu neċessarju, dan qed isir bla rispett lejn il-Kunsill u lejn ir-residenti tiegħu. Minkejja li saret pressjoni min-naħa tagħna biex it-triq tinfetaħ qabel ma tibda l-iskola dan ma seħħx. Il-Kunsill qabel unanimament.

**57/06** ***Tender for the Collection of Mixed Household Waste and Organic Waste***

**57/06/01** Is-Sindku ippropona biex tinħareġ offerta ġdida għal ġbir ta' skart imħallat u skart organiku. Il-Kunsill qabel unanimament.

**57/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**57/07/01** Ma kienx hemm.

**57/08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**57/08/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**57/09** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**57/09/01** Il-laqgħa spiċċat fit-07:40p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 24 ta' Ottubru 2018 fis-6:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**